PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2005/0805 (CNS)

29.8.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta ta' Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi fi kwistjonijiet kriminali li jimponu pieni ta' ħabs jew miżuri li jinvolvu t-tiċħid tal-libertà bil-għan li dawn is-sentenzi jkunu infurzati fl-Unjoni Ewropea
(9688/2007 – C6-0209/2007 – 2005/0805(CNS))

(Konsultazzjoni mġedda)

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Ioannis Varvitsiotis

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta ta' Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi fi kwistjonijiet kriminali li jimponu pieni ta' ħabs jew miżuri li jinvolvu t-tiċħid tal-libertà bil-għan li dawn is-sentenzi jkunu infurzati fl-Unjoni Ewropea
(9688/2007 – C6-0209/2007 – 2005/0805(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (9688/2007)[1],

– wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, u r-Renju ta' l-Iżvezja (7307/2005)[2],

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-14 ta' Ġunju 2006[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 31(1)(a) u 34(2)(b) tat-Trattat ta' l-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat ta' l-UE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0209/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93, 51 u 55(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2007)

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsulta lill-Parlament mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-abbozz b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.
[2] ĠU C 150, 21.6.2005, p. 1.
[3] Testi Adottati, P6_TA(2006)0256.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kunsill Ewropew, imlaqqa' f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, endorsja l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, li għandu jsir il-bażi tal-koperazzjoni ġudizzjali kemm fil-materji ċivili u kemm kriminali ġewwa l-Unjoni.

Skond il-konklużjonijiet ta' Tampere, fid-29 ta' Novembru 2000 il-Kunsill adotta programm ta' miżuri biex jimplimenta l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'kwistjonijiet kriminali, u fih talab għal evalwazzjoni tal-ħtieġa ta' mekkaniżmi moderni għar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi finali li jinvolvu t-tiċħid tal-libertà u għal applikazzjoni estiża tal-prinċipju tat-trasferiment ta' persuni kundannati biex jinkludi persuni residenti fi Stat Membri.

Il-Programm The Hague dwar it-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea jitlob li l-Istati Membri biex ilestu l-programm ta' miżuri, b'mod partikulari fil-qasam ta' l-infurzar ta' sentenzi karċerarji finali.

Ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, li huma karatterizzati minn kunfidenza speċjali reċiproka fis-sistemi legali ta' l-Istati Membri l-oħrajn, jippermettu li l-Istat eżekutur jirrikonoxxi d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet ta' l-Istat emittenti. Minkejja l-ħtieġa li l-persuna kundannata tingħata salvagwardji xierqa, l-involviment tagħha fil-proċeduri m'għandux jibqa' dominanti minħabba l-ħtieġa tal-kunsens tagħha fil-każi kollha għat-tressiq ta' sentenza lil Stat Membru ieħor sabiex jirrikonoxxi u jinfurza l-piena imposta.

Din id-Deċiżjoni ta' Qafas għandha tkun implimentata u applikata b'mod li jippermetti r-rispett lejn il-prinċipju ġenerali ta' l-ugwaljanza, il-ġustizzja u r-raġonevolezza.

Id-Deċiżjoni ta' Qafas għandha wkoll, mutatis mutandis, tapplika għall-infurzar tas-sentenzi fil-każi skond l-Artikoli 4(6) u 5(3) tad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri. Din l-inter alia tfisser, li mingħajr ħsara għad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/584/JHA, l-Istat Membru eżekutur jista' jivverifika l-eżistenza ta' kriterji għar-rifjut kif hu stipulat fl-Artiklu 9, inkluż l-iċċekkjar ta' kriminalità doppja sakemm l-Istat eżekutur ikun għamel dikjarazzjoni skond l-Artiklu 7(4), bħala kundizzjoni biex jiġi rikonoxxut u nfurzat il-ġudizzju bil-ħsieb li jikkunsidra jekk iċedix il-persuna jew jinfurzax is-sentenza f'każi li jkunu konformi ma' l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni ta' Qafas.

Din id-Deċiżjoni ta' Qafas tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat u riflessi fil-Karta ta' Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea, partikularment il-Kapitolu VI tiegħu. Xejn f'din id-Deċiżjoni ta' Qafas m'għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi r-rifjut ta' l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni fejn ikun hemm raġunijiet oġġettivi sabiex wieħed jemmen li l-piena ġiet imposta bil-għan li tikkastiga persuna minħabba s-sess, ir-razza, ir-reliġjon, l-oriġini etnika, in-nazzjonalità, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew l-orjentament sesswali tagħha, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi preġudikata għal kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet.

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni ta' Qafas għandhom jiġu applikati b'mod konformi

mal-liġi applikabbli tal-KE, inklużi b'mod partikulari d-Direttiva 2004/38/KE, id-Direttiva 2003/109/KE u d-Direttiva 2003/86/KE.

Il-punti mqajma mill-Parlament Ewropew, li kien diġà kkonsultat dwar dan il-fajl fis-17 ta' Mejju 2006, fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu ttieħdu inkonsiderazzjoni u għalhekk ir-rapporteur jirrakomanda li din il-proposta għal Deċiżjoni tiġi approvata kif emendata mill-Kunsill.